IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-24 ta' Settembru 2012

li taħtar membru wieħed tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

(2012/C 288/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 79 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 79 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jipprevedi li l-Kunsill għandu jaħtar bħala Membri tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("il-Bord ta' Tmexxija") rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru.

(2) Bid-Deċiżjoni tas-17 ta' Mejju 2011 [2] il-Kunsill ħatar 15-il membru tal-Bord ta' Tmexxija, li wieħed minnhom huwa mill-Belġju.

(3) Il-Gvern Belġjan informa lill-Kunsill bil-ħsieb tiegħu li jissostitwixxi lir-rappreżentant Belġjan fil-Bord ta' Tmexxija u ppreżenta nomina għal rappreżentant ġdid, li għandu jinħatar għal perijodu li jintemm fil-31 ta' Mejju 2015,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Jean Roger DRÈZE, ta' nazzjonalità Belġjana, imwieled fis-6 ta' Ġunju 1951, għandu jinħatar membru tal-Bord ta' Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi flok is-Sur Helmut DE VOS għall-perijodu minn 25 ta' Settembru 2012 sal-31 ta' Mejju 2015.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Settembru 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

S. ALETRARIS

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
[2] ĠU C 151, 21.5.2011, p. 1.